Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 16 ta’ Frar 2001.

Avviz Nru: 1419/00

Pauline Cilia

Vs

Carmel sive Charles
u Mary konjugi Duca

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ tlett mija sebgha u erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm347.38) valur ta’ hdax-il kambjala ta’ wiehed u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm31.58) il-wahda (Dok A-K), li skadew bejn il-11 ta’ Settembru 1999 u l-11 ta’ Lulju 2000 u li gew gurati fuq isem l-attrici minn Blye Engineering Co Ltd (ta’ Naxxar Road, San Gwann).

Bl-imghax legali mid-data ta’ skadenza ta’ kull kambjala u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas ma derhu fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll kopji fotostatici tal-kambjali in kwistjoni; qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma mitluba ta’ tlett mija sebgha u erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmi (Lm347.38c)

Bl-imghaxijiet legali b’effett mill-iskadenza ta’ kull kambjala u

prevja illi l-attrici tipprezenta fl-atti ta' din il-kawza il-kambjalijiet originali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S. Farrugia Magistrat
Dep/Reg